# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 22 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 47.
Citazz. Nru. 2346/00 JRM

**Carmelo u Maria Dolores konjugi GIORDMAINA**

**vs**

**Alan BRIFFA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew:

Illi permezz ta' Skrittura Privata redatta min-Nutar Dottor Pierre Falzon, u datata 9 ta' April 1998, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, l-atturi assenjaw lill-konvenut id-dritt ta' lokazzjoni fuq il-fond Superhighway, Triq il-

Laring, Attard, versu l-kunsiderazzjoni hemm pattwita, li kellha tigi mhallsa bil-modalitajiet hemm indikati;

Illi l-konvenut naqas milli jhallas l-ammont ta' erbat elef lira maltin (Lm4000.00) li kienu dovuti sa' l-ahhar ta' April 1998, u ghalhekk l-atturi diga' istitwew proceduri gudizzjarji fl-ismijiet "Carmelo Giordmaina et vs Alan Briffa" (Cit. Nru. 1238/98/AJM - Diff. 20/11/2000);

Illi f'Dicembru 1998, gie dovut ukoll l-ammont ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500.00), ammont rapprezentanti l-kunsiderazzjoni finali dovuta in konnessjoni ma' l-imsemmija assenjazzjoni, liema hlas baqa' ma sarx;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500.00) dovuti kif fuq premess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 3750/00 u interess legali mill-31 ta' Dicembru 1998, kif indikat fil-kuntratt, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500.00) dovuti kif fuq premess, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 3750/00 u interess legali mill-31 ta' Dicembru 1998, kif indikat fil-kuntratt, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**22 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu, 2001.**